MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru 2/2015

**Concetta Cacciattolo**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-14 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar 2015;

Rat id-deċiżjoni msemmija tas-6 ta' Jannar 2015;

Rat l-atti kollha relevanti;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Dottor Nadia Attard għall-Avukat Ġenerali u ta' l-Avukat Dottor Edward Gatt għall-intimata;

Ikkunsidrat:

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, li taħtu inġieb ir-rikors promotur tas-26 ta' Frar 2014, jipprovdi:

> **"Jekk, fil-kazijiet li fihom it-tmexxija ta' l-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Esekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li taghti ghaldaqshekk."**

Permezz tal-proċeduri odjerni Concetta Cacciattolo qed tisfida lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jistitwixxi proċeduri kriminali kontra ċerta Dorothy Freeman

(illum Borg) għal numru ta’ reati, inkluż self ta’ flus mingħajr liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti u użura.

L-ewwel Qorti ddeċidiet favorevolment filwaqt illi l-Avukat Ġenerali adixxa din il-Qorti a tenur ta’ l-artikolu 541(3) sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

Fid-deċiżjoni tagħha dik il-Qorti osservat:

> “Qieset id-deposizzjoni tar-rikorrenti u rat ukoll is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta nhar-it 3 ta’ Ġunju, 2013 fejn ir-rikorrenti, f’dawk il-proċeduri imputata, kienet ġiet misjuba mhux ħatja tar-reati ta’ truffa aggravata, approprjazzjoni indebita u l-użu ta’ dokument falsifikat. Huwa minnu li dik il-Qorti, *obiter*, tenniet li kien ‘ikun għaqli kieku l-pulizija tinvestiga u tara jekk huwiex qed isir self illegali da parte ta’ Freeman.
>
> “Dan il-kumment sar minn dik il-Qorti wara li kienet semgħet lix-xhieda jixhdu u setgħet tagħmel aprezzament anke viżiv tax-xhieda li dehru quddiemha – fosthom Cacciattolo, Freeman u Angelo Bilocca. Dik il-Qorti kienet f’qagħda ottima biex tagħmel apprezzament tal-istess xhieda skond il- kriterji stabbiliti mill-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali; u dan ħafna aħjar minn din il-Qorti li ġiet prodotta biss id-deposizzjoni tar-rikorrenti quddiemha. Wara li għarblet dawk il-provi bil-kriterji stabbiliti dik il-Qorti dehrilha li kellha tagħmel dak il-kumment. Din il-Qorti meta rat u semgħet lir-rikorrenti; rat x’kienet xehdet f’dik il-kawża – xiehda li taqbel ma’ dak li xehdet quddiem din il-Qorti u rat ukoll il-ġurisprudenza aktar ‘il fuq ċitata tqis li fid-dawl ta’ tali pronunzjamenti relattivi għall-grad *prima facie*, in bażi għall-provi prodotti f’dan l-istadju, issib illi hemm ukoll lok għal investigazzjoni ulterjuri ta’ din il-kwistjoni li ġiet trattata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Naturalment jekk eventwalment mill-provi prodotti fil-kawża jew minn stħarriġ ieħor jirriżulta li Dorothy Freeman hija fil-fatt innoċenti għal kollox minn dak imsemmi mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti hija minn issa mwissija li jistgħu jiskattaw kontra tagħha l-estremi tal- Artikoli 528 u 523 tal-Kodiċi Kriminali.”

Fir-rikors tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid:

"Illi, l-ewwelnett, fis-sentenza tagħha, hawn fuq ċitata l- Ewwel Onorabbli Qorti tibda billi tiddikjara hekk – *'....f'dan il-każ il-Qorti trid tiddetermina fuq bażi 'prima facie' jekk hemmx lok għaliex in-notitia criminis li tkun saret lill-Pulizija tiġi tradotta fil-konsegwenti azzjoni penali'.* L-Avukat Ġenerali jaqbel pjenament ma' dan ir-raġunament pero` irid jiġi mfakkar illi f'dan il-każ, almenu sal-bidu ta' Ġunju tas-sena 2013, ma jirriżultax li Concetta Cacciattolo kienet avviċinat lill-Pulizija sabiex tagħmel xi rapport ta' xi forma jew oħra kontra Dorothy Freeman. Kien biss wara deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, diversament presjeduta, datata 3 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet *Il-Pulizija kontra Concetta Cacciattolo* – każ istitwit minn Dorothy Freeman kontra l- kwerelanta Cacciattolo – li l- kwerelanta talbet lill-Pulizija, tramite ittra mibgħuta mill-avukat tagħha, sabiex Freeman tiġi nvestigata fuq allegazzjoni ta' użura;

"Illi, dan ir-rapport prinċipalment sar minħabba rimarka li għaddiet dik l- istess Qorti fis-sentenza tagħha fuq ċitata fejn, wara li lliberat lil Cacciattolo mill-akkużi dedotti kontra tagħha, tenniet li kien '*ikun għaqli kieku l- Pulizija tinvestiga u tara jekk huwiex qed isir self illegali da parti ta' Freeman*'. B'kull dovut rispett, din kienet sempliċiment osservazzjoni da parti tal-Onorabbli Qorti, ma kinitx ordni diretta lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jinvestiga u tali osservazzjoni ma jfissirx li jeżistu biżżejjed provi sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra Dorothy Freeman. *Se mai* sta għall-kwerelanta li tmur tagħmel ir-rapport tagħha jekk tħoss li kienet vittma ta' xi reat – ma kellhiex għalfejn tistenna l-eżitu ta' sentenza tal-każ kontriha sabiex tagħmel hekk. Interessanti li wieħed jinnota li tul il-proċeduri kontriha, Cacciattolo ovvjament kienet ġiet mitkellma mill-Pulizija diversi drabi u qatt ma allegat li Freeman kienet qed issellef flus u titlob imgħaxijiet għoljin ħafna. Ukoll, Cacciattolo qatt ma kienet ikkontestat l-allegazzjonijiet ta' frodi li Freeman kienet għamlet mal-Pulizija – anzi kienet anke kkonfermat l-ammont dovut minnha u saħansitra kienet lesta tħallas kollox lura diment li tingħata żmien adegwat sabiex tagħmel dan!

"Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid ukoll jiġi mfakkar illi meta l- uffiċjal prosekutur ġiet magħmula lilu l-kwerela da parti tal-kwerelanta, huwa nvestiga l-allegat reat ta' użura bid-diliġenza kollha tiegħu u saħansitra anke kellem lil Dorothy Freeman dwar dan il-każ. Pero` jidher biċ-ċar illi kull ma jeżisti f'dan il-

każ huma allegazzjonijiet u allegazzjonijiet biss – u lanqas waħda minnhom ma ġiet qatt pruvata f'xi stadju tal-proċeduri. Kull ma hemm bħala forma ta' prova hija x-xiehda tal-istess kwerelanta li tallega u tibqa' tallega iżda pero` ma tippreżenta ebda forma ta' evidenza, la dokumentarja u lanqas ta' xi forma oħra sabiex tissustanzja dawn l-istess allegazzjonijiet. Infatti jidher biċ-ċar li lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx wisq konvinta li jeżisti każ hawnhekk avolja ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi kontra Freeman. Din l-istess Qorti infatti tenniet *'Naturalment jekk eventwalment mill-provi prodotti fil-kawża jew minn stħarriġ ieħor jirriżulta li Dorothy Freeman hija fil-fatt innoċenti għal kollox minn dak imsemmi mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti hija minn issa mwissija li jistgħu jiskattaw kontra tagħha l-estremi tal-Artikoli 528 u 523 tal-Kodiċi Kriminali'*. B'kull dovut rispett, l-Avukat Ġenerali jinsab kemm xejn perpless b'tali kliem – jekk ma teżisti ebda evidenza konkreta li fuqha jistgħu jitmexxew il-proċeduri kontra Dorothy Freeman, kif fil-fatt jidher li ma hemmx – allura lanqas biss teżisti l-possibilita` li jitniedu proċeduri fil- konfront tagħha. Huwa *dato ma non concesso* li f'każ bħal dan ta' sfida, il- grad tal-*prima facie* huwa wieħed pjuttost baxx pero` irridu niftakru wkoll x'tgħallimna l-ġurisprudenza kopjuża tagħna, u cioe` li *'Naturalment ma nistgħux immorru l-estrem l-ieħor u naslu biex nallokaw il-grad tal-prima facie għal dak illi huwa possibbli jew suspettuż'*.

"Illi, hawnhekk jidher ċar li a rigward ta' dawn il-proċeduri, kull ma jeżisti, sallum, huma BISS allegazzjonijiet fl-arja li ma nġabet ebda prova a rigward tagħhom da parti tal-kwerelanta."

Din il-Qorti eżaminat l-atti kollha a disposizzjoni tagħha u ssib li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Huwa minnu li l-ewwel Qorti qalet illi in bażi għall-provi prodotti fl-istadju taċ-*challenge* "issib illi hemm ukoll lok għal investigazzjoni ulterjuri ta' din il-kwistjoni", iżda evidentement hija kienet qed tirreferi għal investigazzjoni mill-Qorti fejn il-partijiet ikunu moghtija l-opportunita` illi jressqu l-provi kollha taghhom.

Difatti l-imsemmija Concetta Cacciattolo qalet fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati illi għandha żewġ xhieda li tixtieq tipproduċi u hemm rapporti li għamlet fl-għassa ta' Ħal-Luqa dwar theddid relatat mal-każ.

Dwar il-monitu li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati lil Concetta Cacciattolo u li dwaru l-Avukat Ġenerali jesprimi perplessita`, din il-Qorti tarah sempliċement bħala tali, cioe` monitu dwar l-importanza li dejjem tgħid il-verita`.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' l-Avukat Ġenerali kif miġjuba fir-rikors tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2015 u tikkonferma fl-intier id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar 2015.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------